**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Rikors Revoka Nru. 388/2022 GM**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sewkestru Kawtelatorju bin-numru 1134/2020 TM ffl-ismijiet :**

**Grenke Renting Ltd (C 57282)**

**vs**

**Steven Vella (K.I. 15791G) u John Vella (K.I. 3468G)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Steven Vella u John Vella għat-tħassir tal-mandat ta' sekwestru numru 1134/2020 għar-raġuni li Steven Vella għandu ħanut li jiswa' wisq iżjed u lest joffrih bħala garanzija u għar-raġuni li John Vella huwa "biss garanti".

Rat ir-risposta tas-soċjeta` sekwestranti.

Ikkunsidrat:

Ir-rikorrent ma ġab l-ebda prova li l-ħanut huwa tassew ġid ta' Steven Vella u lanqas ġab prova tal-valur tiegħu; u lanqas li huwa ħieles minn privileġġi, ipoteki jew piżijiet oħra. Barra minn hekk skont ġurisprudenza konsolidata l-proprjeta` immobbli mhix awtomatikament meqjusa bħala garanzija alternattiva minħabba d-diffikulta` biex tiġi likwidata. Fl-aħħarnett, il-fatt li John Vella huwa biss garanti mhix raġuni għat-tħassir tal-mandat fil-konfront tiegħu.

Għalhekk tiċħad it-talba.

Spejjeż a kariku tar-rikorrenti.

Mogħti kameralment illum 6 ta' Ġunju 2022.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA